

It-Tlieta 3 ta' Ottubru 2017

P8\_TA(2017)0364

## L-emanċipazzjoni ekonomika tan-nisa fis-setturi privati u pubbliċi fl-UE

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Ottubru 2017 dwar it-tisħiħ tal-pożizzjoni Ekonomika tan-Nisa fis-Setturi Privati u Pubbliċi fl-UE (2017/2008(INI))

(2018/C 346/02)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 10, l-Artikoli 153(1) u 153(2) u l-Artikolu 157 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 23 u 33 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri li jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement jew li qed ireddgħu <sup>(3)</sup> (id-Direttiva dwar il-Leave tal-Maternità),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2008 għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-2 ta' April 2009 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2008 għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-leave tal-maternità (COM(2008)0637),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni adottata fl-ewwel qari fl-20 ta' Ottubru 2010 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu u dwar l-introduzzjoni ta' miżuri ta' appoġġ għall-ħaddiema sabiex jilhqqu bilanċ bejn il-ħajja professjonali u dik familjari <sup>(5)</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2013/62/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 li temenda d-Direttiva 2010/18/UE li timplimenta l-Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave tal-ġenituri konkluż minn BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC, wara l-emenda tal-istatus tal-Majott fir-rigward tal-Unjoni Ewropea <sup>(6)</sup>,

<sup>(1)</sup> ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23.

<sup>(2)</sup> ĠU L 180, 15.7.2010, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 348, 28.11.1992, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU C 137 E, 27.5.2010, p. 68.

<sup>(5)</sup> ĠU C 70 E, 8.3.2012, p. 163.

<sup>(6)</sup> ĠU L 353, 28.12.2013, p. 7.

## It-Tlieta 3 ta' Ottubru 2017

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-14 ta' Novembru 2012 għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati f'borża u miżuri relatati (Direttiva dwar in-nisa fuq bordijiet) (COM(2012)0614),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu adottata fl-ewwel qari fl-20 ta' Novembru 2013 bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati fil-borża u miżuri relatati <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2013 dwar l-eliminazzjoni tal-istereotipi tas-sessi fl-UE <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għall-ħaddiema rġiel u nisa għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali <sup>(3)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-leave tal-maternità <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2016 dwar il-ħaddiema domestiċi nisa u n-nisa li jaħdmu fis-settur tal-kura fl-UE <sup>(5)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2016 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE tat-8 ta' Marzu 2010 li timplimenta l-Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave tal-ġenituri konkluż minn BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC u li tħassar id-Direttiva 96/34/KE <sup>(6)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Mejju 2016 dwar "Il-Faqar: perspettiva tas-sessi" <sup>(7)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2016 dwar il-ħolqien ta' kundizzjonijiet fis-suq tax-xogħol favorevoli għal bilanċ bejn il-ħajja tal-familja u dik tax-xogħol <sup>(8)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Settembru 2016 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol ('Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjegi') <sup>(9)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2015 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjegi u xogħol <sup>(10)</sup>,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2017 lill-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-61 Sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa <sup>(11)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2017 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea 2014–2015 <sup>(12)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' April 2017 dwar in-nisa u r-rwol tagħhom fiż-żoni rurali <sup>(13)</sup>,

<sup>(1)</sup> ĠU C 436, 24.11.2016, p. 225.

<sup>(2)</sup> ĠU C 36, 29.1.2016, p. 18.

<sup>(3)</sup> ĠU C 93, 9.3.2016, p. 110.

<sup>(4)</sup> ĠU C 353, 27.9.2016, p. 39.

<sup>(5)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2016)0203.

<sup>(6)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2016)0226.

<sup>(7)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2016)0235.

<sup>(8)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2016)0338.

<sup>(9)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2016)0360.

<sup>(10)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2015)0351.

<sup>(11)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2017)0029.

<sup>(12)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2017)0073.

<sup>(13)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2017)0099.

**It-Tlieta 3 ta' Ottubru 2017**

- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Ġunju 2015 dwar 'Opportunitajiet ugwali ta' dħul għan-nisa u l-irġiel: Intemmu d-differenza bejn il-pensjonijiet tan-nisa u l-irġiel',
- wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għall-ugwaljanza bejn is-sessi għall-perjodu 2011–2020 adottat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2011 <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Marzu 2014 dwar it-tisħiħ tal-prinċipju ta' paga ugwali għall-irġiel u n-nisa permezz tat-trasparenza (2014/124/UE) <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra l-inizjattiva tal-Kummissjoni ta' Diċembru 2015 bl-isem 'Pjan direzzjonali: Bidu ġdid biex jiġu indirizzati l-isfidi li jiffaċċjaw il-familji ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata', kif ukoll il-konsultazzjonijiet pubbliċi u dawk mal-partijiet konċernati dwaru,
- wara li kkunsidra Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem (UNGPs), l-ewwel ġabra ta' linji gwida globali dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem, li ġew approvati mingħajr ambigwiżà mill-Istati Membri kollha tan-NU waqt il-laqgħa tal-Kunsill tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem tas-16 ta' Ġunju 2011; wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva (COM(2011)0681), li thegġegħ lill-Istati Membri tal-UE jadattaw il-UNGPs għall-kuntest nazzjonali tagħhom,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' April 2017 intitolata "L-istabbiliment tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" (COM(2017)0250),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' April 2017 intitolata "Inizjattiva ta' Appoġġ għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u l-persuni li jindukraw li jaħdmu" (COM(2017)0252),
- wara li kkunsidra l-Istrateġija ta' Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment dwar l-Ugwaljanza bejn is-sessi u l-awtonomizzazzjoni ekonomika tan-nisa,
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tat-3 ta' Diċembru 2015 intitolata "L-impenn strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016-2019" (SWD(2015)0278), b'mod partikolari l-Kapitolu 3.1 tagħha, "Inżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tal-impjiegi u l-indipendenza ekonomika ugwali tan-nisa u l-irġiel",
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-2017 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Kapitolu 1 tiegħu dwar iż-żieda tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-indipendenza ekonomika ugwali u l-Kapitolu 2 dwar it-tnaqqis tad-differenzi fil-pagi, il-qligħ u l-pensjonijiet bejn in-nisa u l-irġiel,
- wara li kkunsidra r-rapporti tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) intitolata 'The gender employment gap: (Id-distakk bejn is-sessi fl-impjiegi:) challenges and solutions' (sfidi u soluzzjonijiet)(2016), 'Work-life balance: (Bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata: creating solutions for everyone' (noħolqu soluzzjonijiet għal kulħadd(2016), "Social partners and gender equality in Europe" (Imsieħba soċjali u l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Ewropa) (2014), u "Developments in working life in Europe: (L-Iżviluppi fil-ħajja tax-xogħol fl-Ewropa:) EurWORK annual review" (reviżjoni annwali EurWORK) (2014 u 2015), kif ukoll is-Sitt Stħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (EWCS) (2016),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-ILO dwar ir-Remunerazzjoni Indaqs (1951), il-Konvenzjoni tal-ILO dwar ix-Xogħol Part-Time (1994), il-Konvenzjoni tal-ILO dwar ix-Xogħol mid-Dar (1996), il-Konvenzjoni tal-ILO dwar il-Protezzjoni tal-Maternità (2000) u l-Konvenzjoni tal-ILO dwar il-Ħaddiema Domestiċi (2011),
- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet Miftiehma tal-24 ta' Marzu 2017 tal-61 sessjoni tal-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Istatus tan-Nisa bl-isem 'Women's economic empowerment in the changing world of work' (L-emanċipazzjoni ekonomika tan-nisa fid-dinja tax-xogħol li qed tinbidel),

<sup>(1)</sup> It-3073 laqgħa tal-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur, organizzata fi Brussell fis-7 ta' Marzu 2011.

<sup>(2)</sup> ĠU L 69, 8.3.2014, p. 112.

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Bord ta' Livell Għoli tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar t-tisħiħ tal-pożizzjoni Ekonomika tan-Nisa ta' Settembru 2016 bl-isem 'Leave no one behind: (Ma nħallu lil ħadd jaqa' lura:) A call to action for gender equality and women's economic empowerment' Talba għal azzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni ekonomika tan-nisa),
  - wara li kkunsidra l-Pjattaforma għal Azzjoni ta' Beijing u l-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjeggi u l-Affarijiet Soċjali (A8-0271/2017),
- A. billi l-UE hija impenjata li tippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi u tiżgura l-integrazzjoni tal-kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-azzjonijiet kollha tagħha;
- B. billi l-parteċipazzjoni ndaqs tan-nisa fis-suq tax-xogħol u fit-teħid tad-deċizzjonijiet ekonomiċi hija prekundizzjoni għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-konsegwenzi tagħha;
- C. billi madwar l-UE n-nisa għadhom konsiderevolment sottorappreżentati fis-suq tax-xogħol u fil-maniġment, b'rata ta' impjeg globali għan-nisa li tibqa' kważi 12 % anqas minn dik tal-irġiel;
- D. billi l-ostakoli ewlenin għat-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa jinkludu normi soċjali b'effetti negattivi, liġijiet diskriminatorji jew nuqqas ta' protezzjoni legali, in-nuqqas tal-kondiviżjoni ndaqs tax-xogħol domestiku u tal-indukrar bla ħlas bejn l-irġiel u n-nisa, u n-nuqqas ta' aċċess għal assi finanzjarji, diġitali u immobbli; billi dawn l-ostakoli jistgħu jiġu aggravati aktar bl-intersezzjoni tad-diskriminazzjoni<sup>(1)</sup>, abbażi ta' raġunijiet ta' razza u etniċità, reliġjon, diżabbiltà, saħħa, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali u/jew kondizzjonijiet soċjoekonomiċi;
- E. billi l-ostakoli strutturali għat-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa huma r-riżultat ta' forom differenti u trasversali ta' inugwaljanzi, sterjotipi u diskriminazzjoni fl-isferi privati u pubbliċi;
- F. billi t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa fl-istess ħin huwa "għust u intelliġenti", l-ewwel nett peress li din tirrappreżenta dimensjoni essenzjali tal-ugwaljanza bejn is-sessi u għaldaqstant hi kwistjoni ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem, u t-tieni nett peress li l-parteċipazzjoni akbar tan-nisa fis-suq tax-xogħol tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku sostenibbli fil-livelli kollha tas-soċjetà; billi l-kumpaniji li jirrispettaw il-valur tan-nisa u li jippermettulhom jipparteċipaw bis-sħiħ fis-suq tax-xogħol u fit-teħid ta' deċizzjonijiet huma aktar prosperużi u jgħinu fit-tisħiħ tal-produttività u t-tkabbir ekonomiku; billi l-evidenza tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) tindika li t-titjib fl-ugwaljanza bejn is-sessi se jiġġenera sa 10,5 miljun impjeg addizzjonali sal-2050 fl-UE, li r-rata ta' impjeg tal-UE tilħaq kważi 80 % u li l-PDG *per capita* fl-UE jista' jiżdied b'bejn 6,1 % u 9,6 % u jixpruna tkabbir ta' bejn 15 % u 45 % fl-Istati Membri sal-2050;
- G. billi l-istrateġija Ewropa 2020 tistabbilixxi fost il-miri tal-UE l-kisba ta' 75 % tal-irġiel u n-nisa f'impjeg sal-2020 u, b'mod partikolari, it-tnaqqis tad-disparità bejn is-sessi fl-impjeg; billi se jenħtieġu sforzi kkoordinati sabiex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol;
- H. billi aktar tard fl-2015, il-Kummissjoni ppubblikat l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020, bid-drittijiet ekonomiċi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa jkunu wieħed minn erba' "oqsma kruċjali" għal azzjoni;

<sup>(1)</sup> Il-Panel ta' Livell Għoli tan-NU dwar it-Tisħiħ tal-Pożizzjoni Ekonomika tan-Nisa: "Leave no one behind: A call to action for gender equality and economic women's empowerment" (Settembru 2016 – Ma nħallu lil ħadd warajna: Talba għal azzjoni għall-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa).

**It-Tlieta 3 ta' Ottubru 2017**

- I. billi "it-tnaqqis tad-differenza bejn il-pagi, il-qligħ u l-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa u biex b'hekk jiġi miġġieled il-l-faqar fost in-nisa" huwa wieħed mill-prijoritajiet stabbiliti mill-Kummissjoni fid-dokument tagħha intitolat "L-Impenn Strateġiku għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2019";
- J. billi l-miri għat-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa huma stabbiliti fost is-17-il-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs);
- K. billi bilanċ effettiv bejn il-ħajja u x-xogħol għandu impatt pożittiv fuq il-progress lejn il-mudell ta' "qligħ indaqs/indukrar indaqs" (*equal earner/equal carer*) bejn in-nisa u l-irġiel, kif ukoll fir-rigward ta' aspetti ta' saħħa, u jippromwovi ambjent ekonomiku inklużiv, tkabbir, kompetittività, parteċipazzjoni globali fis-suq tax-xogħol, ugwaljanza bejn is-sessi, riskju mnaqqas ta' faqar, u solidarjeta bejn il-ġenerazzjonijiet, u jgħin ukoll biex jiġu indirizzati l-isfidi ta' soċjeta li qed tixxjeh;
- L. billi s-sejbiet tal-Eurostat jindikaw li fl-UE, 31,5 % tan-nisa li jaħdmu jaħdmu f'impjieġ *part-time*, meta mqabbel ma' 8,2 % tal-irġiel li jaħdmu, u billi ftit aktar minn 50 % tan-nisa għandhom impjieġ *full-time*, meta mqabbel mal- 71,2 % tal-irġiel, ċifri li jindikaw disparità ta' 25,5 % fir-rata ta' impjieġ *full-time*; billi r-responsabilitajiet ta' ndukrar huma raġuni ta' inattività għal kważi 20 % ta' nisa li huma ekonomikament inattivi, filwaqt li dan jiġri f'anqas minn 2 % tal-irġiel ekonomikament inattivi; billi r-responsabilitajiet ta' ndukrar u d-diffikultajiet li jirriżultaw mill-bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u l-ħajja privata, jindikaw li n-nisa għandhom probabbiltà akbar li jaħdmu *part-time* jew li jkunu ekonomikament inattivi mill-irġiel, u dan għandu impatt negattiv fuq il-pagi tagħhom u fuq id-dħul relatat mal-pensjoni;
- M. billi l-parti l-kbira tar-riċevituri ta' ndukrar spiss huma tfal, membri anzjani tal-familja jew membri tal-familja b'diżabbiltà li jkollhom persuni li jindukraw mingħajr ħlas;
- N. billi n-nisa jwettqu mill-anqas darbtejn u nofs aktar xogħol ta' ndukrar u tad-dar mill-irġiel;
- O. billi jenħtieġ li l-maternità ma titqiesx bħala ostaklu għall-iżvilupp professjonali tan-nisa, u konsegwentement għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom;
- P. billi n-nisa u l-irġiel għandhom drittijiet u dmirijiet ugwali f'dak li għandu x'jaqsam mal-filjazzjoni (bl-eċċezzjoni tal-irkurpu tan-nisa wara li jwelledu), b'kunsiderazzjoni tal-fatt li t-trobbija tat-tfal jenħtieġ li tiġi kondiviża u għalhekk jenħtieġ li ma tingħatax b'mod esklużiv lill-ommijiet;
- Q. billi fl-2015 ir-rata ta' impjieġ medja għan-nisa b'wild wieħed taħt l-età ta' sitt snin kienet ta' kważi 9 % anqas minn dik tan-nisa mingħajr tfal żgħar, u billi fxi Stati Membri d-differenza taqbeż it-30 %;
- R. billi l-maternità u l-paternità jirrappreżentaw bażi inaċċettabbli għad-diskriminazzjoni kontra n-nisa f'dak li jirrigwarda l-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol u l-permanenza tagħhom fih;
- S. billi qafas ta' immappjar tal-pagi aċċessibbli pubblikament, inkluż il-ġbir tad-data, għandu jiġi stabbilit bil-għan li tiġi eliminata d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa billi titqiegħed pressjoni kemm fuq is-settur pubbliku kif ukoll fuq dak privat sabiex jevalwaw l-istrutturi tal-pagi tagħhom u joffru rimedju għal kwalunkwe differenza bbażata fuq is-sessi li jsibu, u għandu l-potenzjal li johlqo kultura ta' għarfien, li jagħmilha soċjalment inaċċettabbli li jkun hemm differenza bejn il-pagi tal-irġiel u tan-nisa f'settur jew f'kumpanija partikolari;
- T. billi nstab li l-kwoti jtejbu l-prestazzjoni tal-kumpaniji privati u jagħtu spinta lil tkabbir ekonomiku usa', apparti l-fatt li jwasslu għal użu aħjar tat-totalità ta' talenti fil-forza tax-xogħol;

- U. billi l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-diversità fir-rappreżentanza tal-ħaddiema fil-livell tal-bord tal-kumpaniji huma prinċipju demokratiku ewlieni b'impatti ekonomiċi pożittivi, fosthom it-teħid ta' deċiżjonijiet strateġiċi inklużivi u t-tnaqqis tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa;
- V. billi l-istudji tal-OECD juru li l-kumpaniji li jkollhom aktar nisa fuq il-bordijiet jesperjenzaw profittabbiltà akbar meta mqabbla ma' dawk b'bordijiet komposti minn irġiel biss;
- W. billi s-setturi jew ir-rwoli tipikament dominati min-nisa ġeneralment ikunu kkaratterizzati minn pagi aktar baxxi, meta mqabbel ma' setturi jew rwoli paragonabbli li huma ddominati mill-irġiel, u dan jikkostitwixxi element fid-differenzi bejn il-pagi u l-pensjonijiet tan-nisa u tal-irġiel, li b'ħalhekk huma ta' 16 % u 40 % rispettivament;
- X. billi l-ILO żviluppat qafas fejn l-impjeggi jiġu evalwati fuq il-bażi ta' erba' fatturi: il-kwalifiki, l-isforz, ir-responsabbiltà u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, u jiġu ppeżati skont l-importanza tagħhom għall-kumpanija jew l-organizzazzjoni kkonċernata;
- Y. billi s-sħab soċjali għandhom il-potenzjal li jsaħħu t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa, permezz ta' negozjar kollettiv, bil-promozzjoni ta' pagi ndaq bejn in-nisa u l-irġiel, l-investiment fil-bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u l-ħajja privata, billi jitħeġġeġ l-iżvilupp tal-karrieri tan-nisa fil-kumpaniji, u billi jiġu offruti informazzjoni u edukazzjoni fl-oqsma tad-drittijiet tal-ħaddiema;
- Z. billi l-evidenza turi li l-inugwaljanzi fil-pagi huma iżgħar fejn in-negozjar kollettiv ikun b'saħħtu <sup>(1)</sup>;
- AA. billi skont il-Eurostat, 24,4 % tan-nisa fl-UE jinsabu friskju tal-faqar, filwaqt li ommijiet waħedhom, nisa 'il fuq minn 55 sena u nisa b'diżabbiltà b'mod partikolari, jinsabu friskju partikolari ta' qgħad u inattività fis-suq tax-xogħol;
- AB. billi l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-għieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) huma prerekwiżit għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u għaldaqstant għall-ugwaljanza bejn is-sessi; billi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru hi forma inaċċettabbli ta' diskriminazzjoni u ksur tad-drittijiet fundamentali, li mhux biss taffettwa s-saħħa u l-benesseri tan-nisa, iżda wkoll l-aċċess tagħhom għall-impjieg u għall-indipendenza finanzjarja; billi l-vjolenza kontra n-nisa hi waħda mill-ostakoli ewlenin għall-ugwaljanza bejn is-sessi, filwaqt li l-edukazzjoni għandha l-potenzjal li tnaqqas ir-riskju tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru; billi t-tisħiħ tal-pożizzjoni soċjali u ekonomika sussegwenti jista' jwassal lin-nisa biex jaħarbu minn sitwazzjonijiet ta' vjolenza; billi l-vjolenza u l-fastidju, inkluż is-sessiżmu u l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol, għandhom konsegwenzi negattivi serji għall-ħaddiema kollha milquta, il-koħaddiema tagħhom u l-familji tagħhom, kif ukoll l-organizzazzjoni li jaħdmu fihom u għas-soċjetà kollha kemm hi, u jistgħu jkunu parzjalment responsabbli biex in-nisa jirtiraw mis-suq tax-xogħol;
- AC. billi l-vjolenza ekonomika hi forma ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru li sseħħ fil-ħajja ta' kuljum tan-nisa, li xxekkel lin-nisa milli jeżerċitaw id-dritt ta' libertà tagħhom, li tirriproduċi l-inugwaljanza bejn is-sessi u tinjora r-rwol tan-nisa fis-soċjetà kollha kemm hi;
- AD. billi bosta studji diġà wrew biċ-ċar li t-tnaqqis fis-settur pubbliku kellu impatt negattiv qawwi fuq in-nisa, it-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tagħhom u l-ugwaljanza bejn is-sessi;
- AE. billi l-edukazzjoni, il-kwalifiki u l-kisba ta' ħiliet huma essenzjali għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fil-livell soċjali, kulturali u ekonomiku u għal opportunitajiet edukattivi li huma rikonoxxuti b'ħalhekk element ewlieni fil-ġlieda kontra l-inugwaljanza b'ħaqqa sottorappreżentanza fit-teħid ta' deċiżjonijiet u impjeggi maniġerjali u fl-oqsma tal-inġinerija u tax-xjenza, biex b'hekk jissaħħa it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u tat-tfajliet;

<sup>(1)</sup> Ara: "The European Trade Union Confederation", "Collective bargaining: our powerful tool to close the gender gap" (2015).

**It-Tlieta 3 ta' Ottubru 2017**

AF. billi d-diġitalizzazzjoni għandha effetti pożittivi f'termini ta' tiswir ta' opportunitajiet ta' impjieg u twassal għal bidla kostruttiva lejn xejriet ta' xogħol aktar flessibbli, partikolarment għan-nisa li jidħlu jew li jergħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, u wkoll f'termini ta' kisba ta' bilanċ aħjar bejn l-attività ta' ndukrar u l-ħajja professjonali kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel;

**I. Kunsiderazzjonijiet ġenerali**

1. Iqis li l-parteċipazzjoni u t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa huma kruċjali għat-tisħiħ tad-drittijiet fundamentali tagħhom, peress li jippermettulhom jiksbu l-indipendenza ekonomika tagħhom, jeżerċitaw influwenza fis-soċjetà u jkollhom kontroll fuq ħajjithom, filwaqt li jegħlbu l-ostakli mhux rikonoxxuti li jipprevenuhom milli jiġu trattati ndaqš bħall-irġiel fil-ħajja tax-xogħol; iħeġġeġ, għalhekk, it-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa permezz ta' mezzi politiċi u finanzjarji;

2. Jenfasizza li t-tisħiħ tad-drittijiet tan-nisa u t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tagħhom ifisser li jenħtieġ li jiġu indirizzati r-relazzjonijiet stabbiliti tal-poter ta' inugwaljanza bejn is-sessi li jwasslu għal diskriminazzjoni u vjolenza kontra n-nisa u t-tfajliet, kif ukoll kontra l-persuni LGBTI, u li l-istrutturi tal-poter tal-ġeneru jinteraġixxu ma' forom oħra ta' diskriminazzjoni u inugwaljanza bħal dawk relatati mar-razza, id-diżabbiltà, l-età u l-identità tal-ġeneru;

3. Jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw ugwaljanza u nondiskriminazzjoni għal kulħadd fil-post tax-xogħol;

4. Jistieden lill-Istati Membri jimplementaw b'mod sħiħ kemm id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg kif ukoll id-Direttiva 2010/41/UE dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura applikazzjoni aħjar ta' dawn id-direttivi;

5. Jirrimarka li r-rati baxxi ta' impjieg tan-nisa u l-esklużjoni tan-nisa mill-impjieg għandhom impatt negattiv fuq it-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa; jenfasizza li l-ispejjeż ekonomiċi annwali totali dovuti għal rata aktar baxxa ta' impjieg tan-nisa, b'kunsiderazzjoni tat-telf fl-introjt, il-kontribuzzjonijiet mitlufa ta' benefiċċji u spejjeż finanzjarji pubbliċi addizzjonali, jikkorrispondu għal 2,8 % tal-PDG tal-UE, jew EUR 370 biljun, fl-2013, skont stima tal-Eurofound, filwaqt li n-nefqa tal-esklużjoni tan-nisa għet stmata mill-EIGE li tlaħħaq bejn EUR 1,2 u 2 miljuni, dejjem skont il-livell ta' edukazzjoni tal-mara;

6. Jisħaq li t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa u l-opportunitajiet ugwali fis-suq tax-xogħol huma l-ewwel nett kruċjali għan-nisa individwalment iżda huma wkoll strumentali għat-tkabbir ekonomiku tal-UE b'impatt pożittiv kemm fuq il-PDG, l-inklużività u l-kompetittività tan-negozji kif ukoll biex jiġu implimentati l-isfidi marbuta mat-tixjir tal-popolazzjoni fl-UE; jirrimarka li skont studju tal-2009, il-PDG tal-UE jista' teoretikament jiżdied bi kważi 27 % dejjem jekk is-suq tax-xogħol ikun jinsab f'bilanċ sħiħ bejn is-sessi;

**II. Azzjonijiet u għodod li jsaħħu l-pożizzjoni ekonomika tan-nisa****Bilanċ intejeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata**

7. Jinnota li l-Kummissjoni wieġbet għall-istedina tal-Parlament għal bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata billi nediet proposti mhux leġiżlattivi u proposta leġiżlattiva li jstabbilixxu tipi differenti ta' leave sabiex jiġu ffaċċjati l-isfidi tas-seklu 21; jisħaq li l-proposti magħmula mill-Kummissjoni huma pass 'il quddiem tajeb biex jinkisbu l-istennijiet taċ-ċittadini Ewropej, peress li dawn jippermettu lin-nisa u l-irġiel li jikkondividu responsabilitajiet okkupazzjonali, responsabilitajiet ta' familja u soċjali b'mod aktar omoġenju, speċjalment fir-rigward tal-kura tal-persuni dipendenti u tl-kura tat-tfal; jistieden lill-istituzzjonijiet kollha jwettqu dan il-pakkett kemm jista' jkun malajr;

8. Jistieden lill-Istati Membri jżidu l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni u t-tkeċċija illegali relatata mal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u jiżguraw l-aċċess għall-ġustizzja u l-azzjoni legali; jappella lill-Kummissjoni biex iżżid il-monitoraġġ, it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni, it-tnedija ta' proċeduri ta' ksur fejn meħtieġ u l-promozzjoni tal-konformità bl-użu fost l-oħrajn ta' kampanji ta' informazzjoni u ż-żieda ta' għarfien tad-drittijiet legali għal trattament ugwali;

9. Jenfasizza li jenħtieġ li r-remunerazzjoni u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jkomplu jitħallsu matul il-leave;

10. Jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu leave ta' mistrieħ għall-ġenituri ta' tfal b'diżabbiltà, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-ommijiet waħedhom, u dan fuq bażi ta' eżami tal-aħjar Prattiki;
11. Ihegġegħ lill-Istati Membri jinvestu f'faċilitajiet ta' taġħlim informali wara l-ħin tal-iskola, iffokati fuq il-logħob, li jistgħu jipprovdu appoġġ għat-tfal wara l-ħin tal-iskola u tal-crèche b'mod partikolari, bħala mezz kif titnaqqas id-diskrepanza bejn il-ħinijiet tal-iskola u l-ħinijiet tax-xogħol;
12. Jinsisti li l-ilħiq tal-miri ta' Barċellona u l-introduzzjoni ta' miri ta' kura għall-membri dipendenti u l-membri li qed jixjieħu tas-soċjetà, inkluż l-indukrar tat-tfal u kura oħra, faċilitajiet u servizzi, aċċessibbli, bi prezz raġonevoli u ta' kwalità, kif ukoll politiki għal għajxien indipendenti għall-persuni b'diżabbiltà, huma indispensabbli biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jilhqnu l-miri tal-Ewropa 2020; ifakkar li l-investment fl-infrastruttura soċjali, bħall-indukrar tat-tfal, ma jgġenerax biss effetti tal-impjieġ konsiderevoli, iżda anki dħul addizzjonali sinifikanti għas-settur pubbliku fit-taxxi tal-impjieġ u fl-iffrankar fir-rigward tal-assigurazzjoni kontra l-qgħad; jenfazizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa għal faċilitajiet ta' indukrar tat-tfal li jkunu disponibbli f'żoni rurali, u jhegġegħ lill-Istati Membri jippromwovu investment fil-forniment ta' servizzi ta' kwalità għall-kura tul il-ħajja, bi prezz raġonevoli u aċċessibbli, inklużi servizzi ta' ndukrar tat-tfal, ta' persuni dipendenti u tal-anzjani; jemmen li servizzi adegwati ta' ndukrar tat-tfal għall-kura tat-tfal għandhom ikunu disponibbli u aċċessibbli wkoll biex il-ġenituri jkunu jistgħu jaċċedu għal opportunitajiet ta' taġħlim tul il-ħajja;
13. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-servizzi pubbliċi u privati ta' kwalità għolja, speċjalment għan-nisa; jenfazizza l-importanza ta' aċċess universali għal servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja, bi prezz raġonevoli, lokalizzati b'mod konvenjenti u mfassla skont it-talba bħala għodda biex jiżguraw it-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa;
14. Jinnota n-nuqqas ta' koerenza attwali bejn il-kisbiet tal-Istati Membri u l-għanijiet stabbiliti fi ħdan il-miri ta' Barċellona, u jhegġegħ lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib il-miżuri meħuda mill-Istati Membri sabiex jiżguraw li jissodisfaw l-obbligi tagħhom;
15. Huwa konvint li l-involvement tal-irġiel fir-responsabilitajiet ta' indukrar huwa prekundizzjoni biex jinbidlu l-isterjotipi tradizzjonali relatati mar-rwoli tal-ġeneru; jemmen, barra minn hekk, li ż-żewġ sessi u s-soċjetà kollha kemm hi se jibbenefikaw minn tqassim aktar ġust tax-xogħol bla hłas u minn teħid aktar ugwali tal-leave għall-indukrar; jinsab konvint li l-mudell ta' qligħ indaqs – indukrar indaqs huwa l-aktar mezz effettiv għall-ksib tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-oqsma kollha tal-ħajja;
16. Jistieden lill-Istati Membri jsegwu politiki ta' impjieġ u taħriġ attivi u speċifiċi sabiex jappoġġaw ir-ritorn lejn ix-xogħol ta' dawk in-nisa li jkunu ssuspendew il-karrieri tagħhom biex jieħdu ħsieb id-dipendenti tagħhom;
17. Jenfasizza li bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u ugwaljanza akbar bejn in-nisa u l-irġiel huma essenzjali għall-kisba tal-għanijiet tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa; jenfazizza li bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata se jiżgura li jkun hemm distribuzzjoni aktar ġusta ta' xogħol bi hłas u mingħajr hłas fi ħdan il-familji, biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u biex bl-istess mod titnaqqas id-differenza bejn il-pagi u l-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa;
18. Jenfasizza l-importanza ta' kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin u sikuri li jippermettu kemm lin-nisa kif ukoll lill-irġiel jirrikonċiljaw ix-xogħol u l-ħajja privata, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu t-tisħiħ tad-drittijiet tax-xogħol, in-negożjar kollettiv u ż-żieda fl-ugwaljanza bejn is-sessi;
19. Jinkoraġġixxi bil-qawwa l-promozzjoni tal-individwalizzazzjoni tad-dritt għal arranġamenti ta' leave, in-nontrasferibbiltà bejn il-ġenituri tal-intitolamenti tagħhom għal leave tal-ġenituri, u qsim indaqs tal-kompiti ta' ndukrar bejn iż-żewġ ġenituri, bil-ħsieb li jinkiseb il-bilanċ bejn is-sessi fir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja privata;
20. Jistieden lill-Kummissjoni tiffinanzja studji dwar l-analiżi tal-kwantità u l-valur tax-xogħol ta' kura tal-familja mhux imħallas imwettaq min-nisa u l-irġiel u l-għadd medju ta' siġħat mgħoddija fuq impjieġ bi hłas u mingħajr hłas, b'referenza partikolari għall-indukrar tal-anzjani, it-tfal u l-persuni b'diżabbiltà;



**It-Tlieta 3 ta' Ottubru 2017**

21. Jitlob l-iżvilupp ta' qafas iffokat fuq mudelli ta' impjieg flessibbli għan-nisa u l-irġiel, akkumpanjat minn miżuri adegwati ta' protezzjoni soċjali, sabiex jagħmilha aktar faċli li jinżamm bilanċ bejn ir-responsabbiltajiet professjonali u dawk personali; jemmen, fl-istess ħin, li d-drittijiet tal-ħaddiema u d-dritt li jiġi żgurat ix-xogħol għandhom jiġu qabel kull żieda fil-flessibbiltà fis-suq tax-xogħol, sabiex jiġi żgurat li l-flessibbiltà ma żżidx forom ta' xogħol u ta' impjieg prekarji, mhux mixtieqa u mhux sikuri u li ma jdgħajfux l-istandards tax-xogħol li attwalment jikkonċernaw aktar lin-nisa mill-irġiel, filwaqt li l-fehim tal-impjieg prekarju jitqies bħala wieħed li ma jikkonformax mal-istandards internazzjonali, nazzjonali jew tal-UE u l-liġijiet u/jew ma jipprovdux riżorsi biżżejjed għal ħajja diċenti jew għal protezzjoni soċjali xierqa, bħal xogħol mhux kontinwu, il-maġġoranza tal-kuntratti temporanji, kuntratti li ma jispeċifikawx il-ħinijiet tax-xogħol jew xogħol *part-time* involontarju; jenfasizza wkoll il-hteġa li jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa li jiggarrantixxu d-dritt għar-ritorn minn xogħol volontarju *part-time* għal impjieg *full-time*;

*Pagi ugwali għal xogħol ugwali ta' valur ugwali u l-immappjar tal-pagi*

22. Ifakkar li l-prinċipju ta' paga ugwali għall-ħaddiema irġiel u nisa għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali huwa stabbilit u ddefinit fl-Artikolu 157 tat-TFUE u jeħtieġ li jiġi applikat b'mod effikaċi mill-Istati Membri; jinsisti, f'dan il-kuntest, li r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tisħiħ tal-prinċipju ta' pagi ugwali għall-irġiel u n-nisa permezz tat-trasparenza għandu jintuża biex tiġi ssoveljata mill-qrib is-sitwazzjoni fl-Istati Membri u jitfasslu rapporti ta' progress, anke bl-appoġġ tas-sħab soċjali, u jinkoraġġixxi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jistabbilixxu u jimplimentaw il-politiki rilevanti f'konformità ma' din ir-rakkomandazzjoni bil-ħsieb li tiġi eliminata d-differenza persistenti bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa;

23. Jitlob lill-Istati Membri u lill-kumpaniji jirrispettaw l-ugwaljanza tal-pagi u jintroduċu miżuri vinkolanti rigward it-trasparenza tal-pagi sabiex joħolqu metodi kif il-kumpaniji jittrattaw il-kwistjoni tad-differenzi bejn il-pagi tan-nisa u tal-irġiel, inkluż permezz ta' verifiki tal-pagi u l-inklużjoni ta' miżuri ta' pagi ugwali fin-negozjar kollettiv; jenfasizza l-importanza li jiġi pprovdut taħriġ xieraq dwar il-leġiżlazzjoni ta' nondiskriminazzjoni fl-impjieg u l-ġurisprudenza għall-impjegati ta' awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u korpi ta' infurzar tal-liġi u għall-ispetturi tax-xogħol;

24. Jissottolinja l-hteġa li jiġi rikonoxxut u evalwat mill-ġdid ix-xogħol tipikament iddominat min-nisa, bħal dak fis-setturi tas-saħħa, dak soċjali u tat-tagħlim, kif imqabbla max-xogħol tipikament iddominat mill-irġiel;

25. Jesprimi l-konvinzjoni tiegħu li sabiex jinkisbu pagi ugwali għall-ħaddiema rġiel u nisa għal xogħol ugwali ta' valur ugwali, huwa meħtieġ qafas ċar ta' għodod speċifiċi ta' evalwazzjoni tax-xogħol b'indikaturi komparabbli sabiex jiġi vvalutat il-'valur' fl-impjegi jew fis-setturi;

26. Ifakkar li, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li l-valur tax-xogħol jiġi vvalutat u mqabbel skont kriterji oġġettivi, bħal rekwiżiti edukattivi, professjonali u dawk ta' taħriġ, il-ħiliet, l-isforzi u r-responsabilità, ix-xogħol li wieħed ikun qed jagħmel u n-natura tal-kompiti involuti;

27. Jenfasizza l-importanza tal-prinċipju tan-newtralità bejn is-sessi fis-sistemi ta' evalwazzjoni u klassifikazzjoni tax-xogħol kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat; jilqa' l-isforzi tal-Istati Membri biex jipromwovu politiki li jimpedixxu d-diskriminazzjoni fir-reklutaġġ, u jinkoraġġihom jipromwovu CVs mingħajr l-identifikazzjoni tal-ġeneru sabiex il-kumpaniji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi jiġu skoraġġiti milli joperaw abbażi tas-sessi matul il-proċessi tar-reklutaġġ tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltà li tiġi żviluppata 'Europass CV' anonimizata; jissuġġerixxi li l-Istati Membri jfasslu programmi biex jikkumbattu l-isterjotipi soċjali u tas-sessi, b'mod partikolari fost il-gruppi iżgħar fl-età, bħala mezz biex tiġi evitata l-kategorizzazzjoni okkupazzjonali tal-iskali tax-xogħol li spiss tillimita l-aċċess tan-nisa għall-karigi u l-impjegi l-aktar imħallsin;

*Il-bilanċ bejn is-sessi fis-setturi pubbliċi u privati*

28. Iqis li l-kwoti fis-settur pubbliku jistgħu jkunu meħtieġa meta istituzzjonijiet pubbliċi ma jissodisfawx ir-responsabilità tagħhom li jiżguraw rappreżentanza ġusta, u b'hekk jistgħu jtejbu l-leġittimità demokratika tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet;

29. Jinnota li l-użu ta' kwoti tas-sessi u *z-zipped lists* fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi ddimostraw li huma għodod effettivi ħafna biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni u żbilanċi ta' poter bejn is-sessi u biex titjeb ir-rappreżentanza demokratika f'korpi tat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi;

30. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-ġbir, l-analiżi u t-tixrid ta' data komprensiva, komparabbli u affidabbli u aġġornata regolarment dwar il-parteċipazzjoni tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet;

31. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-proċess elettorali Ewropew billi jinkludu listi bbilanċjati bejn is-sessi fir-reviżjoni li jmiss tal-liġi elettorali Ewropea;

32. Itenni t-talba tiegħu lill-Kunsill għal adożzjoni rapida tad-direttiva dwar il-bilanċ bejn is-sessi fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati fil-borża, bħala l-ewwel pass importanti lejn rappreżentanza indaqs fis-settur pubbliku u f'dak privat, u jinnota li ġie skopert li l-bordijiet korporattivi b'iżjed nisa jtejbu l-prestazzjoni ta' kumpaniji privati; jinnota wkoll li l-progress huwa l-aktar tanġibbli (minn 11,9 % fl-2010 għal 22,7 % fl-2015) fl-Istati Membri li fihom ġiet adottata leġiżlazzjoni vinkolanti dwar il-kwoti għall-bordijiet <sup>(1)</sup>; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli tagħmel pressjoni fuq l-Istati Membri biex jaqblu bejniethom;

*Pjanijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi*

33. Jirrikonoxxi li l-Kummissjoni tappoġġa l-adożzjoni ta' pjanijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi permezz ta' organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u li jiffinanzjaw ir-riċerka;

34. Jinnota li l-pjanijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-livell ta' kumpanija jew f'dak settorjali jistgħu jinkludu diversi miżuri ta' riżorsi umani li jindirizzaw ir-reklutaġġ, il-paga, il-promozzjonijiet, it-taħriġ u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; jinnota li dawn spiss jinkludu miżuri konkreti bħall-użu ta' lingwaġġ newtrali fir-rigward tal-ġeneri, il-prevenzjoni tal-fastidju sesswali, il-ħatra tas-sess sottorappreżentat fl-ogħla pożizzjonijiet, ix-xogħol *part-time* l-parteċipazzjoni tal-missirijiet fl-indukrar tat-tfal, u li teżisti varjetà ta' approċċi fl-Istati Membri rigward l-introduzzjoni obbligatorja ta' tali miżuri;

35. Jirrikonoxxi li l-adożzjoni ta' pjanijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi u awditi dwar il-ġeneru fis-settur privat jistgħu jrawwu stampa favur bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata ta' kumpaniji u jgħinu jżidu l-motivazzjoni tal-impjegati u jnaqqsu t-tibdil tal-persunal; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, biex tinkoraġġixxi kumpaniji b'iktar minn 50 impjegat biex jinneogzjaw pjanijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi mas-sħab soċjali bil-ħsieb li jsaħħu l-ugwaljanza bejn is-sessi u tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol; jitlob li dawn il-pjanijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi jinkludu strateġija għall-indirizzar, il-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tal-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol;

*Ftehimiet kollettivi u s-sħab soċjali*

36. Jesprimi l-konvinzjoni tiegħu li s-sħab soċjali u l-ftehimiet kollettivi għandhom il-potenzjal li jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi, biex tissaħħaħ il-pożizzjoni tan-nisa permezz tal-għaqda u biex jiġu miġġielda l-inugwaljanzi fil-pagi bejn is-sessi; jenfasizza li l-iżgurar ta' rappreżentanza ugwali u xierqa tan-nisa u l-irġiel fit-timijiet ta' negozjar kollettiv huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-promozzjoni tat-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa, u għalhekk iqis li s-sħab soċjali jenħtieġ li jsaħħu l-pożizzjoni tan-nisa fi ħdan l-istruttura ta' sħubija soċjali tagħhom fi rwoli ewlenin ta' teħid ta' deċiżjonijiet u jinneogzjaw pjanijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-livell tal-kumpanija u f'dak settorjali;

<sup>(1)</sup> Ara: Skeda informattiva tal-Kummissjoni Ewropea "Il-bilanċ bejn is-sessi fil-bordijiet korporattivi – l-Ewropa qed tiġġield kontra limiti li ma jidhrux", Ottubru 2015; Kummissjoni Ewropea, DG JUST, "In-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi fl-UE: Rapport ta' progress: Inizjattiva ta' Ewropa 2020", 2012; Aagoth Storvik u Mari Teigen ("In-Nisa Abbord: L-Esperjenza Norveġiża", Ġunju 2010.

**It-Tlieta 3 ta' Ottubru 2017**

37. Ihegġegħ lill-Kummissjoni taħdem mas-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili sabiex issaħħaħhom fir-rwol essenzjali tagħhom tal-iżvelar ta' preġudizzji diskriminatorji fuq il-bażi tal-ġeneru fl-iffissar tal-iskali tal-pagi u l-għoti ta' evalwazzjonijiet tal-impjegji li jkunu ħielsa minn preġudizzji fuq il-bażi tal-ġeneru;

**III. Rakkomandazzjonijiet dwar it-titjib tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa**

38. Huwa tal-fehma li mudelli u prattiki ekonomiċi, il-politiki dwar it-taxxa u prijoritajiet ta' nfiq, speċjalment waqt kriżijiet, jenhtiegħ li jinkludu perspettiva dwar is-sessi, iqisu lin-nisa bħala atturi ekonomiċi u jimmiraw li jnaqqsu d-distakk bejn is-sessi għall-benefiċċju taċ-ċittadini, in-negozji u s-soċjetà kollha kemm hi, u jtenni f'dan il-kuntest li l-kriżijiet ekonomiċi wasslu biex in-nisa jinsabu f'pożizzjoni żvantaġġata;

39. Jitlob għal riformi biex tiżdied l-ugwaljanza bejn is-sessi kemm fil-ħajja tal-familja kif ukoll fis-suq tax-xogħol;

40. Jinnota li n-nisa b'mod ġenerali għandhom karrieri li ma jippermettulhomx jagħmlu progress sinifikanti; jistieden lill-Istati Membri jhegħgu u jappoġġaw lin-nisa sabiex ikun possibbli li jkollhom karrieri ta' suċċess, u dan permezz ta' azzjonijiet bħal programmi ta' netwerking u ta' tutoraġġ, kif ukoll permezz tal-ħolqien ta' kundizzjonijiet xierqa u jiżguraw li, fejn jidħlu t-taħriġ, il-progress u t-taħriġ mill-ġdid, in-nisa jingħataw l-istess opportunitajiet tal-irġiel, u li n-nisa jkollhom drittijiet għall-pensjonijiet u benefiċċji tal-qgħad ugwali għal daww applikabbli għall-irġiel;

41. Ihegġegħ lill-Istati Membri biex, abbażi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku<sup>(1)</sup>, jippromwovu l-użu ta' klawżoli soċjali fl-akkwist pubbliku bħala għodda biex tiżdied l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, fejn teżisti leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti u tista tintuża bħala bażi għal klawżoli soċjali;

42. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu miġġielda l-forom kollha ta' vjolenza sessista, inkluża l-vjolenza domestika, bħal stupru, mutilazzjoni ġenitali femminili (MĠF), l-abbuż sesswali, l-isfruttament sesswali, il-fastidju sesswali u ż-żwieġ bikri/tat-tfal sfurzat, kif ukoll il-fenomeni tal-vjolenza ekonomika; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt inkwetanti ħafa tal-livelli għoljin ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol<sup>(2)</sup>, u jenfasizza li, sabiex jirnexxi t-tiħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, il-post tax-xogħol jehtiegħ li jkun ħieles minn kull forma ta' diskriminazzjoni u vjolenza; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul mingħajr riżervi u jorganizzaw kampanji ta' sensibilizzazzjoni u informazzjoni pubbliċi dwar il-vjolenza kontra n-nisa, u sabiex jinkoraġġixxu l-iskambju ta' prattiki tajbin; jinnota li l-indipendenza ekonomika tan-nisa għandha rwol kruċjali fl-abbiltà tagħhom biex jaħarbu sitwazzjonijiet ta' vjolenza; jistieden lill-Istati Membri, għalhekk, biex jipprovdu sistemi ta' protezzjoni soċjali biex jappoġġaw lin-nisa li jinsabu f'din is-sitwazzjoni;

43. Itenni li l-indipendenza u t-tiħiħ tal-pożizzjoni individwali, soċjali u ekonomika tan-nisa huma interkonnessi mad-dritt li jiddeċiedu dwar ġisimhom u s-sesswalità tagħhom stess; ifakkar li l-aċċess universali għal firxa sħiħa ta' saħħa u drittijiet sesswali u riproduttiva hija xprun kruċjali fit-tiħiħ tal-ugwaljanza għal kulħadd;

44. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-61 sessjoni tas-CSW dwar "It-tiħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa f'dinja tax-xogħol li qed tinbidel", li, għall-ewwel darba, jesprimu rabta espliċita u diretta bejn it-tiħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa u s-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom u d-drittijiet riproduttivi; jiddispjaċih, madankollu, li edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità tħalliet barra kompletament mill-ftehim;

45. Jinnota li n-nisa jikkostitwixxu 52 % tal-popolazzjoni totali Ewropea, iżda terz biss tal-ħaddiema li jaħdmu għal rashom jew daww li jibdeu negożju fl-UE; jinnota wkoll li n-nisa jħabbtu wiċċhom ma' aktar diffikultajiet mill-irġiel fejn jidħlu l-aċċess għall-finanzi, għat-taħriġ, għan-netwerking u għaż-żamma ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja; ihegġegħ lill-Istati Membri jippromwovu miżuri u azzjonijiet ta' assistenza u pariri għal daww in-nisa li jiddeċiedu li jsiru intraprendituri, filwaqt li jenfasizza li l-indipendenza finanzjarja hija essenzjali għall-kisba tal-ugwaljanza; jistieden lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-kreditu, inaqqsu l-burokrazija u jneħħu ostakoli oħra għall start-ups tan-nisa; jistieden lill-Kummissjoni tintensifika l-ħidma tagħha mal-Istati Membri biex tidentifika u tneħħi l-ostakli għall-intraprenditorija tan-

<sup>(1)</sup> ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65.

<sup>(2)</sup> Sthariġ tal-FRA dwar il-vjolenza fuq in-nisa.

nisa, u biex tinkoraġġixxi iktar nisa jibdeu in-negozji tagħhom, inkluż permezz ta' aċċess imtejjeb għall-finanzi, ir-riċerka dwar is-suq, it-taħriġ u n-netwerks għal skopijiet ta' negozju, bħal pereżempju l-Pjattaforma WEgate għall-intraprendituri nisa u netwerks Ewropej oħra;

46. Jenfasizza li t-titjib tal-ħiliet diġitali u l-litteriżmu fl-IT fost in-nisa u l-bniet u tithegġegħ l-inklużjoni tagħhom fis-settur tal-ICT jista' jikkontribwixxi għall-indipendenza u t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tagħhom, li jirriżulta fi tnaqqis tad-differenza totali fil-pagi tan-nisa u tal-irġiel; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jmxexxu 'l quddiem l-isforzi tagħhom biex tintemm il-qasma diġitali bejn l-irġiel u n-nisa kif imsemmi fl-Istrateġija Diġitali tal-Ewropa 2020, billi jiddied l-aċċess tan-nisa għas-soċjetà tal-informazzjoni, b'enfasi partikolari fuq viżibbiltà aħjar tan-nisa fis-settur diġitali;

47. Jindika li n-nisa jirrappreżentaw kważi 60 % tal-persuni gradwati fl-UE iżda, minħabba diversi fatturi ta' ostakolu persistenti, xorta għadhom sottorappreżentati fix-xjenza, fil-matematika, fl-IT, fl-ingerija u f'karrieri relatati; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex, permezz ta' kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni, jippromwovw l-parteċipazzjoni tan-nisa f'setturi li huma tradizzjonalment meqjusa 'maskili', partikolarment ix-xjenzi u t-teknoloġiji ġodda, fost l-oħrajn, permezz tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-aġenda diġitali għas-snin li ġejjin, kif ukoll il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-irġiel f'setturi li tradizzjonalment huma meqjusa bħala 'femminili', partikolarment il-kura u l-edukazzjoni; jenfasizza l-importanza li l-protezzjoni soċjali tiġi estiża f'setturi fejn in-nisa jiffurmaw il-maġġoranza tal-forza tax-xogħol, bħalma hu l-każ tal-ħaddiema involuti fil-kura personali, fit-tindif u fl-għoti ta' assistenza, il-persunal fl-industrija tal-ikel u l-professjonisti assoċjati mas-saħħa, fost oħrajn; jenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV) biex jiddiversifikaw l-għażliet ta' karriera u l-introduzzjoni tan-nisa u l-irġiel għal opportunitajiet ta' karriera mhux tradizzjonali sabiex tingħeleb l-esklużjoni orizzontali u vertikali u jiddied l-għadd ta' nisa fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-isferi politiki u ta' negozju;

48. Jitlob lill-Istati Membri għal miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi sabiex jiġu garantiti d-drittijiet ekonomiċi u soċjali ta' ħaddiema fl-hekk imsejħa setturi ffemminizzati; jenfasizza l-importanza li tiġi evitata s-sovrarappreżentanza tan-nisa f'impjeggi prekarji, u jfakkar fil-ħtieġa li tiġi missielta n-natura prekarja ta' dawn is-setturi, bħal dawk tal-kura jew ix-xogħol domestiku; jirrikonoxxi li x-xogħol domestiku u l-għoti ta' servizzi f'unità domestika, li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma ffemminizzati, ta' sikwit jitwettqu bħala xogħol mhux iddikjarat; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovw u jkomplu jiżviluppaw aktar is-settur formali tas-servizzi domestiċi anki permezz tal-Pjattaforma Ewropea li Tindirizza x-Xogħol Mhux Iddikjarat, u jirrikonoxxi s-servizzi domestiċi, l-impjeg tal-familja u l-kura fid-dar bħala li jikkostitwixxu settur ekonomiku ta' valur b'potenzjal ta' ħolqien ta' impjeggi li jeħtieġ li jkun regolat aħjar fi ħdan l-Istati Membri, bil-ħsieb kemm li jinħolqu karigi siguri għall-ħaddiema domestiċi kif ukoll li l-familji jiġu pprovduti bil-kapaċità li jassumu r-rwol tagħhom bħala impjegaturi, kif ukoll b'opportunitajiet ta' rikonċiljazzjoni tal-ħajja privata u dik professjonali għall-familji li jaħdmu;

49. Jenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni fil-ġlieda kontra l-isterjotipi tas-sessi; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tippromwovi inizjattivi li jiżviluppaw programmi ta' taħriġ dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi għal professjonisti fl-edukazzjoni, u li jimpedixxu l-infiltrazzjoni tal-isterjotipi mill-kurrikuli u materjal pedagoġiku;

50. Jenfasizza l-importanza tal-integrazzjoni tal-ġeneru bħala għodda fundamentali fit-tfassil ta' politiki sensitivi għall-ġeneru u l-leġiżlazzjoni, inkluż fil-qasam tal-impjeg u l-affarijiet soċjali, u għalhekk biex jiġi żgurat it-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi valutazzjonijiet tal-impatt sistematiċi abbażi tal-ġeneru; jafferma mill-ġdid is-sejħa tiegħu lill-Kummissjoni biex issaħħaħ l-istatus ta' 'Impenn strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016-2019' tagħha billi tadottah bħala komunikazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi bbaġittjar li jirrispondi għall-ħtieġijiet tal-ġeneru fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss u biex tinvolvi ruħha fi skrutinju dejjem aktar rigoruż ta' proċessi li jstabbilixxu l-baġit u l-infiq tal-UE, inkluż billi tiegħu passi favur it-titjib tat-trasparenza u tar-rapportar dwar il-mod ta' kif il-fondi jintefqu; barra minn hekk jistieden lill-Bank Ewropew tal-Investment biex jintegra l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa fl-attivajiet tiegħu ġewwa u barra l-UE;

51. Jistieden lill-Istati Membri jintegraw il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki nazzjonali tagħhom dwar il-ħiliet u s-suq tax-xogħol u jinkludu tali miżuri fi pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u bħala parti mis-Semestru Ewropew, b'konformità mal-linji gwida dwar l-impjeggi;

**It-Tlieta 3 ta' Ottubru 2017**

52. Jenfasizza l-importanza tal-offerta ta' taġġim tul il-ħajja għan-nisa f'żoni rurali, inkluż permezz ta', pereżempju, korsijiet ta' taħriġ bejn l-intrapriżi; jenfasizza l-proporzjon għoli ta' persuni li jaħdmu għal rashom f'żoni rurali b'nuqqas ta' protezzjoni soċjali xierqa u l-proporzjon għoli ta' xogħol "inviżibbli", li jolqot b'mod partikolari lin-nisa; jitlob lill-Istati Membri u lir-reġjuni b'setgħat leġiżlattivi, għalhekk, biex jiżguraw sigurtà soċjali kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa li jaħdmu f'żoni rurali; jistieden ukoll lill-Istati Membri sabiex jiffaċilitaw l-aċċess ekwitaċċjoni għall-art, jiżguraw drittijiet tal-proprjetà u tal-wirt, u jiffaċilitaw l-aċċess għall-kreditu għan-nisa;

53. Jirrimarka li r-rati ta' nies friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali huma oġġa fost in-nisa milli fost l-irġiel, u jenfasizza, għalhekk, li l-miżuri li jiġġieldu l-faqar u l-esklużjoni soċjali għandhom impatt partikolari fuq it-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa; jenfasizza li l-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tad-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn is-sessi u t-tnaqqis tal-faqar tan-nisa meta huma f'età avvanzata jiddependu l-ewwel u qabel kollox mill-ħolqien ta' kundizzjonijiet biex in-nisa jagħmlu kontribuzzjonijiet tal-pensjoni ugwali permezz tal-inklużjoni ulterjuri fis-suq tax-xogħol u mis-salvagwardja tal-opportunitajiet indaqs f'dawk li huma paga, progress fil-karriera u possibiltajiet ta' xogħol *full-time*; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-Fondi SIE u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-faqar tan-nisa bil-għan li tintlaħaq il-mira ġenerali tat-tnaqqis tal-faqar tal-Ewropa 2020; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li 20 % tal-fondi tal-FSE allokati għal miżuri ta' inklużjoni soċjali jkunu użati wkoll biex jiżied l-appoġġ għall-proġetti żgħar lokali mmirati biex in-nisa li jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali jingħataw is-setgħa jimxu 'l quddiem;

54. Jinnota li l-faqar għadu jiġi mkejjejl fuq id-dħul akkumulat tal-unità domestika, liema Prattika tassumi li l-membri kollha tal-unità domestika jaqilgħu l-istess u jgħaddu r-riżorsi b'mod indaqs; jitlob drittijiet individwalizzati u kalkoli bbażati fuq id-dħul individwali bil-għan li jikxfu l-kobor veru tal-faqar tan-nisa;

55. Jinnota li n-nisa kienu l-iktar affettwati minn miżuri ta' awsterità u tnaqqis fis-settur pubbliku (inqas servizzi tal-kura tat-tfal li kienu iktar għaljin, servizzi mnaqqs għall-anzjani u l-persuni b'diżabbiltà, il-privatizzazzjoni u l-għeluq ta' sptarijiet), b'mod partikolari f'oqsma bħall-edukazzjoni, is-saħħa u l-ħidma soċjali, li jirrappreżentaw 70 % tal-forza tax-xogħol tas-settur pubbliku;

56. Jisħaq fuq l-importanza li tingħata attenzjoni lill-ħtiġijiet speċifiċi u l-isfidi varjati ta' ċerti gruppi vulnerabbli li jħabbtu wiċċhom ma' ostakli partikolari ta' dħul fis-suq tax-xogħol; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw, għal dawn l-individwi, l-aċċess bikri u faċli taġġim għal taħriġ ta' kwalità, inklużi internships, sabiex tiġi żgurata l-integrazzjoni sħiħa taġġim fis-soċjetajiet taġġim u fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-ħiliet u l-kompetenzi informali u formali eżistenti, it-talenti u l-għarfien esperti; jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri għall-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni intersezzjonali li tolqot b'mod partikolari lin-nisa f'sitwazzjonijiet vulnerabbli; jenfasizza kemm huwa importanti li d-Direttiva 2000/78/KE dwar l-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol, kif ukoll id-Direttiva 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-orijġini tar-razza jew etniċità <sup>(1)</sup>, jiġu implimentati b'mod korrett;

57. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex isaħħu u jtejbu l-applikazzjoni Prattika tal-politiki fuq il-post tax-xogħol u tal-liġijiet eżistenti, u jtejbu dawk il-politiki u liġijiet fejn xieraq, sabiex jiproteġu lin-nisa minn diskriminazzjoni diretta u indiretta, b'mod partikolari fir-rigward tal-għażla, fl-ingaġġ, fiż-żamma, fit-taħriġ vokazzjonali u fil-promozzjoni tan-nisa fl-impjeg kemm fis-settur pubbliku kif ukoll fis-settur privat, u joffru lin-nisa opportunitajiet ugwali f'termini ta' paga u avvanz fil-karriera;

58. Jiddeplora bil-qawwa l-fatt li l-Kunsill għadu m'adottax il-proposta għal direttiva tal-2008 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni, irrispettivament mir-reliġjon jew it-tvemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali; jilqa' l-prijoritizzazzjoni ta' din id-Direttiva mill-Kummissjoni Ewropea; itenni t-talba tiegħu lill-Kunsill sabiex jadotta l-proposta mill-aktar fis possibbli;

59. Jitlob lill-Kummissjoni ttejjeb il-ġbir ta' indikaturi tal-ġeneru speċifiċi u ta' data diżaggregata skont il-ġeneru sabiex jiġi smat l-impatt tal-ugwaljanza bejn is-sessi tal-politiki tal-UE u tal-Istati Membri;

<sup>(1)</sup> ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.

It-Tlieta 3 ta' Ottubru 2017

60. Jenfasizza li n-nisa huma kkonċentrati b'mod sproporzjonat, u ħafna drabi involontarjament, f'xogħol prekarju; iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-ILO maħsuba biex inaqqsu l-iskala ta' xogħol prekarju, b'hal restrizzjoni taċ-ċirkostanzi li fihom jistgħu jintużaw kuntratti prekarji u li jillimitaw it-tul ta' żmien li l-ħaddiema jistgħu jkunu impjegati fuq kuntratt ta' dan it-tip;

61. Jistieden lill-EIGE jkompli l-ħidma tiegħu billi jiġbor data speċifika għas-sessi u jistabbilixxi tabelli ta' valutazzjoni fl-oqsma kollha ta' politika rilevanti;

o

o o

62. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---